# MARIJA SULTANA

*Ta'* Val. V. Barbara, O.P.

Daħlet fi bwieb il-hena u dlonk madwarha
daret il-kotra t'anġli ttir ferħana:
f'ġieh li kienet tal-Mulej l-għamara
inħallet l-ilsna tas-smewwiet fil-għana.

U f'daqqa siket kollox, xħin dawwara
ta' tnax-il kewkba qiegħed b'Id setgħana
il-Wild maħbub fuq ġbinha, u kollu ħrara
sellem lill-Omm tas-sema u l-art Sultana.

U dwiet mas-saltna tal-henjin il-għajta
ta' ferħ u għaxqa, u fuq mewġiet ħarkiena
waslet u sebqet ta' din l-art ix-xtajta.

Imbagħ'd min-nir bil-mod bdiet riesqa dija
fiddiena, u f'nofsha, bi tbissim ta' ħniena,
Sultana tal-ħolqien dehret Marija.